

Brussell, 2 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9327/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0012(NLE)

POLCOM 172
COMER 69
RELEX 571
DUAL USE 36
RECH 198
ENER 210
ENV 469

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8944/24
Nru dok. Cion:	5788/24
Suġġett:	<i>Thejjiġa għall-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) fit-23 u l-24 ta' Mejju 2024</i> RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar it-tiġni tas-sigurtà tar-riċerka - Adozzjoni

1. Fl-24 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tiġni tas-sigurtà tar-riċerka¹, bħala parti minn pakkett ta' proposti dwar is-Sigurtà Ekonomika.
2. L-objettiv ewlieni tal-proposta kien li tappoġġa lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka biex jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà tar-riċerka li jirriżultaw mill-aċċess miftuħ u l-kooperazzjoni internazzjonali, inerenti għall-attivitajiet ta' riċerka.

¹ 5788/24.

3. B'mod partikolari, ir-riskji identifikati fil-proposta huma relatati ma' tliet oqsma ewlenin:
 - (1) it-trasferiment mhux mixtieq ta' għarfien (il-kondiviżjoni ta' teknoloġija sensittiva li tista' tipperikola s-sigurtà nazzjonali jekk tgħaddi għal skopijiet militari);
 - (2) l-indhul barrani (l-edukazzjoni u r-riċerka akkademiċi jistgħu jiġu influwenzati b'mod mhux xieraq minn stati oħra sabiex ixerrdu jew jinfluwenzaw narrattivi speċifiċi jew biex jippromwovu objettivi speċifiċi ta' interess kbir għall-partijiet terzi);
 - (3) il-ksur tal-etika jew tal-integrità (it-teknoloġiji jistgħu jintużaw ukoll biex irażżnu jew jimminaw il-valuri fundamentali, kemm fl-UE kif ukoll bnadi oħra).
4. Il-proposta tal-Kummissjoni u t-tliet testi ta' kompromess sussegwenti tal-Prezidenza ġew diskussi mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka tal-Kunsill fil-laqgħat tiegħu tad-29 ta' Jannar, it-23 ta' Frar, l-14 ta' Marzu u d-9 ta' April 2024.
5. Wara żewġ proċeduri ta' silenzju informali, konklużi fit-12 u s-16 ta' April 2024 rispettivament, il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar it-tielet test rivedut tal-Prezidenza, b'delegazzjoni waħda għadha tesprimi tħassib (regola tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata).
6. L-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill jidentifika azzjonijiet u miżuri konkreti li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka, bil-punt tat-tluq ta' hteġġa ċara u urġenti għas-sensibilizzazzjoni u t-tiħiħ tar-reżiljenza fost ir-riċerkaturi u l-akkademiċi madwar l-Ewropa.
7. Il-Kunsill jirrakkomanda kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni biex jieħdu kont ta' lista ta' 9 prinċipji meta jfasslu u jimplimentaw azzjonijiet ta' politika biex itejbu s-sigurtà tar-riċerka. F'dan ir-rigward l-abbozz fih ukoll sett ta' 14-il rakkomandazzjoni lill-Istati Membri u 11-il rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-livell tekniku dwar it-test tal-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 9097/24, b'delegazzjoni waħda għadha tesprimi tħassib, bil-ħsieb li jippreżentah għall-adozzjoni mill-Kunsill (Kompetittività/Riċerka) fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Mejju 2023 u tal-pubblikazzjoni sussegwenti tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
